MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 90/1999/1

**Lawrence Muscat**

**vs**

**Gozo Channel Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-22 ta’ Jannar 1999 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallas is-somma ta’ erba’ mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm424.62) rapprezentanti paga tal-granet ta’ xoghol zejda u *allowances* ohra dovuti mis-socjeta’ konvenuta lill-attur, u dan in forza tal-kuntratt ta’ impjieg tal-21 ta’ Frar, 1996.
Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-7 ta’ Ottubru, 1998 u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, li giet ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Gozo Channel Company Limited fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi ma hemm ebda ammont dovut lill-attur kif jirrizulta mir-"records" tal-kumpanija rigward attendenza, overtime, u allowances ohra.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2001 fejn is-socjeta' konvenuta qajjmet eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Rat ukoll din l-eccezzjoni pprezentata formalment fit-2 ta' Mejju 2001 fejn eccepiet:

Illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2147 (c) tal-Kodici Civili.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Gunju, 2001 fejn cahdet l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni mqajjma mis-socjeta' konvenuta u laqghet it-talba ta' l-attur.

Rat id-decizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Mejju, 2002 fejn l-ewwel sentenza giet annullata u rremettiet l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi l-kwistjoni ta' preskrizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi wara d-decizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fuq imsemmija din il-Qorti trid tidderimi mill-gdid il-kwistjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mis-socjeta' konvenuta. Qabel xejn pero' trid tikkunsidra wkoll l-opposizzjoni ta' l-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu meta qal fost affarijiet ohra illi *"eccezzjonijiet tal-meritu huma nkompatibbli ma' eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni".* F'din l-istess nota l-attur ikkwota xi sentenzi sabiex jaghti piz lill-argument tieghu.

Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma' l-argument li gab l-attur peress illi jidhrilha illi l-gurisprudenza hija assodata fuq

dan il-kap illi eccezzjonijiet dwar il-meritu huma kompatibbli ma' eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni.

Fil-fatt f'kawza riportata fil-volum XXIV pt I pg 329 il-Qorti tghallem *"il-gurisprudenza taghna ma ghadiex tammetti teorija li l-preskrizzjonijiet brevi huma bazati fuq il-prezunzjoni tal-pagamenti; ghax il-gurament li l-eccipjent jigi msejjah jiehu mhux dak li hu hallas, izda li mhux debitur, u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni brevi hija kompatibbli ma' eccezzjonijiet ohra li jwasslu ghal konsegwenza illi l-eccipjent mhux debitur."*

L-istess *"l-eccezzjoni ta' kontestazzjoni tad-debitu mhijiex inkompatibbli ma' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni"* (Vol XXX pt I pg 976). Ghalhekk din il-Qorti tikkonkludi illi minkejja li s-socjeta' konvenuta qalet li l-ammont ma kienx dovut ma jfissirx illi b'daqshekk f'xi stadju ulterjuri ma setghetx tqajjem eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif fil-fatt ghamlet. Din l-eccezzjoni hija bazata fuq l-artikolu 2147 © tal-Kodici Civili kif ahjar spjegat fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri taghha. L-artikolu jippreskrivi terminu ta' sena *"ghall-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin fix-xahar ta' l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata ghal hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu."* Din is-sena tibda tghaddi minn dak inhar li l-azzjoni tista tigi ezercitata (Artikolu 2137 tal-Kap 16).

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi li l-azzjoni ta' l-attur setghet tigi ntavolata mit-2 ta' Jannar 1997 peress illi fl-ahhar ta' kull sena impjegat jibghat rendikont lill-amministrazzjoni tas-socjeta' konvenuta sabiex fuq dan ir-rendikont tkun tista thallas ghal granet zejda li l-impjegat ikun hadem. Skond Mario Grech *Field Manager Executive* dawn il-pagamenti normalment isiru fl-ahhar tas-sena (fol 37). Ghalhekk minn din id-dikjarazzjoni l-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li t-talba ta' l-attur mhijiex ghal salarju li jithallas kull xahar, izda ghal pagament specjali illi jsir darba fis-sena.

Din is-sitwazzjoni ghalhekk tesorbita l-artikolu 2147 © indikat mis-socjeta' konvenuta u tissubentra l-artikolu

2148 (d) ta' l-istess Kap 16 li jippreskrivi terminu ta' tmintax-il xahar ghall-azzjonijiet ta' dawk imhallsin bis-sena ghal hlas tas-salarji taghhom.
Ikkunsidrat:

L-ittra ufficjali maghmula mill-attur iggib id-data 7 ta' Awissu 1998 li huwa oltre t-terminu ta' tmintax-il xahar li jippreskrivi l-artikolu fuq imsemmi. Ghalhekk fuq dan it-terminu biss l-azzjoni attrici hija preskritta, izda l-attur jargumenta li din giet interrotta bl-ammissjoni ta' parti mid-debitu meta s-socjeta' konvenuta dahlet f'diskussjonijiet ma' l-attur biex tipprova tasal ghall-arrangament bonarju. Fil-mori dahal ukoll l-*Ombudsman* illi baghat ir-rakkomandazzjonijiet tieghu fil-25 ta' Gunju, 1998. Sa dak iz-zmien il-partijiet ma kienux jidhru l-boghod minn xulxin u l-*Ombudsman* irrakkomanda illi jaslu fi ftehim fuq id-differenza zghira li kien hemm. Madankollu Joseph Ancilleri a fol 39 jghid illi: *"f'daqqa wahda s-socjeta' konvenuta giet infaccata b'ittra ufficjali fejn intalab tlett darbiet aktar minn dak illi gie miftiehem".* Sussegwentement l-attur irrezenja mill-impjieg illi kellu mas-socjeta' konvenuta. Jargumenta wkoll illi t-terminu preskrittiv kellu jibda minn dakinhar li rrezenja.

Hawnhekk il-Qorti wkoll ma taqbilx ma' dan l-argument peress illi l-azzjoni attrici setghet giet intavolata mill-ewwel gurnata illi l-kreditu tieghu kien dovut, (Artikolu 2137 tal-Kap 16) u cioe' kif gia nghad, fit-2 ta' Jannar 1997. F'dik id-data l-ammont kien kristalizzat, l-attur kien jaf ezatt kemm kellu jiehu minghand is-socjeta' konvenuta u kien fil-posizzjoni illi jaghmel talba ghal hlas kif fil-fatt ghamel. Minkejja illi dahal fi trattativi mas-socjeta' konvenuta ma jfissirx illi b'daqshekk ma setghax jaghmel ittra ufficjali sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu fil-kaz ta' falliment tan-negozjati. Ma kien hemm xejn illi legalment jimpedieh milli jezercita' dan id-dritt u ghalhekk it-taghlim Ruman ikkwotat mill-attur "*contra non valentem agere, non currit prescriptio"* ma japplikax, ghax ghalih ma kinitx kwistjoni ta' "… *non valentem agere* …" izda *"non agentem"*!

Ir-Rumani fl-gherf taghhom, kellhom f'mohhom nies inkapaci li jagixxu legalment, bhal minuri u interdetti li kien

jisthoqqilhom il-protezzjoni tal-ligi li ma setghux jiehdu hsieb lilhom infushom u biex ma jigux abbuzati legalment issospendiet il-perjodu preskrittiv fil-konfront taghhom sakemm jew isiru maggorenni jew jigi mahtur kuratur li seta' jikkawtela l-interessi tal-interdett. Dan il-hsieb hu trasportat fl-artikolu 2124 tal-Kap 16 u ghadu vigenti sal-lum.

F'dan il-kaz, l-attur kien f'posizzjoni li jagixxi fi kwalunkwe stadju tat-terminu preskrittiv illi dak il-hin kien ghaddej, u ma jistax issa jiehu vantagg minn nuqqas ta' agir tieghu; kif jghallem id-dritt Ruman *"nemo contro factum suum, venire potest".*

Ghalhekk la ma hax il-mizuri sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, l-unika triq li ghad fadallu l-attur huwa li jipprova li kien hemm interruzzjoni tal- preskrizzjoni bl-ammissjoni tad-debitu tas-socjeta' konvenuta. Fuq dan l-attur qed jistrieh fuq id-diskussjonijiet illi kellu mar-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta u ma' l-*Ombudsman* wara illi t-talba tieghu giet michuda. Apparti l-fatt illi normalment dawn id-diskussjonijiet isiru minghajr pregudizzju, mkien ma jirrizulta mill-atti illi s-socjeta' konvenuta accettat formalment illi ghandha taghti xi haga lill-attur. Veru illi kien hemm diskussjonijiet bejniethom u kienu jidhru illi qeghdin vicin li jaslu ghall-arrangament, izda kien l-attur illi fl-ahhar mill-ahhar ma accettax l-offerta li ghamlet is-socjeta' konvenuta u ghazel minflok li jiehu t-triq ta' litigazzjoni (fol. 39)..

Fil-kawza riportata fil-volum XXXV pt I pg 101 il-Qorti qalet *"ir-rinunzja ghal preskrizzjoni ghandha tigi pruvata b'mod car u konkludenti u ma tistax tigi ammessa meta hija bazata fuq atti u fatti li ma humiex univoci u jistghu jaghtu lok ghal interpretazzjonijiet diversi*". Wkoll *"ir-rinunzja ghad-drittijiet ghandha tkun pruvata b'mod car u konkludenti*" (Vol XXX pt I pg 542).

Mill-provi prodotti ma jistax jinghad li saret xi rinunzja b'mod car u konkludenti. Lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi malafede min nahha tas-socjeta' konvenuta, anzi skond ix-xhieda ta' Joseph Ancilleri a fol 39, il-kumpanija

ppruvat tasal ma' l-attur anke fuq istruzzjonijiet minghand ic-Chairman inniffsu, izda skond l-istess Ancilleri *"is-socjeta' konvenuta ppruvat tigi fi ftehim ma' l-attur u ma kellha l-ebda ntenzjoni li ndewmu din il-bicca xoghol. Li gara kien li dak li kien qed jitlob lill-kumpanija f'daqqa wahda sploda bi tlett darbiet u mhux talli ma hadimx in-notice, izda telaq wara tlett ijiem."* Ancilleri jghid ukoll *"ahna ghamilna offerta ghaliex fil-bidu ma konniex qbilna mar-rendikont illi kien baghtilna l-attur……"*

Din il-Qorti ma tara xejn car u konkludenti f'dawn id-dikjarazzjonijiet u lanqas ma tara xi element ta' malafede jew frodi illi jistghu b'xi mod ikollhom effett fuq il-perjodu preskrittiv imsemmi mis-socjeta' konvenuta. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mis-socjeta' konvenuta ghandha l-fondament taghha u timmerita li tkun konfermata.

Ghal dawn ir-ragunijiet,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 (d) u konsegwentement tichad l-azzjoni attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------